Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru : **5** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2013 fil-6.30p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud (daħal għal laqgħa fis-6.52pm)<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużati | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |

## *Aġenda*

1. Laqgħa ma' Dr.Joseph Buhagiar l-Air Quality Specialist riwgwar l-Impjant tar-Riċiklaġġ.
2. Laqgħa mal-Perit u l-iżviluppatur tal-Kiosk fil-Bajja San Tumas PA/00722/13.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Laqgħa ma' Dr.Joseph Buhagiar l-Air Quality Specialist rigward l-Impjant tar-Riċiklaġġ.***

Dr. Joseph Buhagiar beda biex jgħid illi kienet l-ewwel darba illi qed jara dawn iż-żewġ sentenzi.

Is-Sindku wieġbu illi l-Kunsill kien qed jitlob l-għajnuna tiegħu sabiex jiġi spjegat aħjar kif kien qed jiġi mmaniġjat l-Impjant tar-Riċiklaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jaqra l-komunikazzjoni li kienet intbgħatet mill-Kumitat Kontra l-Impjant tar-Riċiklaġġ.

Wara li nqrat din l-ittra s-Sindku qal illi l-Kunsill għalhekk kien ħatar *Air Quality Specialist* u staqsa jekk għadx hemm affarijiet allarmanti fl-operat ta' dan l-Impjant.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi hu kien wieħed minn l-appellanti kif fil-fatt kien hemm imniżżel f'din is-sentenza fejn reġa stqarr illi hu qatt ma kien irċevijhom u lanqas kien infurmat bid-data tas-smigħ tal-appell u għaldaqstant ma setgħax jappella fil-20 ġurnata, għalkemm il-Kunsill kien irċivijha.

Is-Sindku qal illi aħna ħsibna illi l-Kumitat kien irċieva d-data tas-smigħ għaliex f'dawn l-aħħar seba` snin il-Kumitat dejjem kien ħa rwol attiv f'dan l-appell.

Dr. Joseph Buhagiar stqarr illi xorta jibqa l-punt illi dawn ma mxewx mal-prassi u jifhem kif il-Kumitat iħossu aggravat illi ġie eskluż barra. Huwa kompla jispjega illi huwa bħala *Air Quality Specialist* kien qed jimmoniterja l-arja fil-viċinanza tar-Riċiklaġġ billi jara jekk jkunx hemm rwejjaħ u anke ħsejjes. Huwa qal illi ġieli kien hemm irwejjaħ għaliex kienu qed jitħallew il-bibien miftuħa w anke l-istorbju kien qed jiġi kkawżat minn *extractors fan* u anke l-kuntrattur kien qed jibda jaħdem sagħtejn qabel, pero qal illi wieħed jista jgħid illi dawn l-ilmenti kienu ġew solvuti għalkemm ġieli jkun hemm *spikes*.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi fl-opinjoni tiegħu it-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid ta' dan l-Impjant mhux possibbli u ma jistax jkun li ma jkunx hemm ilmenti, iktar u iktar illi issa li nbena l-*family park* li qiegħed jkun frekwentat minn ħafna nies u allura jista jkun hemm aktar ilmenti.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal-laqgħa fis-6.52pm.***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi qed jkun hemm kwantita` ta' ġrieden fiż-żona.

Is-Sindku wieġbu li l-problema tal-ġrieden ilha minn mindu inbniet il-*bypass* minħabba l-ħsejjes tal-makkinarju, l-ġrieden bdew neżlin l-isfel, iżda bil-kimika li tefu tas-Sanita` din il-problema qed tiġi indirizzata.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi wieħed jrid jżomm ġo moħħu illi kien hemm ħafna affarijiet li ma ngħatawx widen għalijom u jistgħu jinħolqu problemi. Huwa ġab eżempju illi fil-*family park* minflokk l-ilma baqa` għaddej min ġol wied issa ilma qed jiżamm ġo għadira fejn wara jumejn dan jiġi ilma qiegħed u jista jservi ta' ''*breeding ground*'' għal *tiger mosquitoes.* Huwa saħaq illi ġewwa l-lokalita` tagħna diġa għandna problema ta' postijiet li jkun hemm ilma qiegħed u allura diġa qegħdin nesperjenzaw problemi b'dan it-tip ta' nemus.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi l-istudji bażiċi bħala *'baseline studies'* biex jkun jistgħu jikkomparaw qabel u wara li beda jopera l-Impjant ma sarux. Huwa kompla jgħid illi la ċertu studji ma sarux wieħed għandu joqgħod attent u fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jgħamel l-almu tiegħu biex jara kif waslu biex jieħdu ċertu deċiżjonijiet.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk allura jkunx aħjar li nappellaw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsill illi kienu qalulu illi din il-ġimgħa kien hemm riħa tinten.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jekk il-prinċipju ma nbidilix allura għanda nibqu mixjien bl-istess deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħadd ma kien infurmhom illi aħna stajna nappellaw u ħadd mill-Kunsilliera ma ndenja ruħu illi nieħdu parir legali.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kienx ħa azzjoni fuq iż-żewġ sentenzi għaliex dejjem ħallejna f'idejn il-Kumitat għaliex huma kapaċi iktar minnha u li kieku aħna konna nafu illi l-Kumitat ma kienx irċivijha żgur li konna ngħaddu l-komunikazzjoni lilhom. Din kienet ċirkostanza speċifika li nqalgħet

Is-Sindku qal illi fil-liġi kriminali ma jistax jsir appell fuq appell pero` fil-qorti ċivili u tal-Mepa huma differenti mill-Kriminal. Huwa żied jgħid illi l-appell qed isir fuq it-twaqqieh u l-bini tal-Impjant.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li dan kien it-titlu oriġinali imma jista jkun il-kundizzjonijiet jkunu differenti.

Is-Sindku qal li l-aħħar ittra qiegħda datata 11 ta' April 2013 u t-titlu baqa l-istess.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa x'jiġi diskuss fil-qorti ċivili kemm il-darba isir ir-rikors, jiġi aċċettat ir-rikors u imbgħad isir il-proċes fil-qorti.

Dr. Joseph Buhagiar qal li huwa mhux avukat iżda qal li fl-opinjoni tiegħu huwa fatt illi l-impjant ġie aħjar pero` jista jinqalgħu problemi fil-futur u aħjar jekk ikun hemm entita` illi tingħata l-faċilita` li tappella bħala *safeguard* għal-lokalita` kollha u la kellu jsir ċertu studji li ma sarux jew ma ġewx ippublikat u li jista joħroġ l-quddiem allura ikun aħjar jekk il-Kunsill ikun jista jgħin.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard spjegat illi l-ewwel irid isir ir-rikors minħabba d-dritt li ġew imċaħda minnhu tal-20 ġurnata imbagħad jekk jintlaqa r-rikors isir l-appell fil-qorti ċivili.

Is-Sindku qal illi jekk ir-rikors jiġi milqugħ wieħed jrid jara minn fejn ser jiġu l-fondi għall-appell, għaliex fl-opinoni tiegħu l-ispejjeż huma kbar.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi fl-ittra mibgħuta mill-Kumitat huma qedgħin jgħidu illi r-rikors ser jagħmluh huma u huma qed jitolbu illi l-Kunsill jħallas l-ispejjeż tal-appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li joħroġ il-flus tal-appell bilfors trid tiddifendijhom l-Avukat tal-Kunsill għaliex il-Kunsill għandu kuntratt ma l-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk kien hemm seba` Kunsilli nvoluti għaliex ma jinqasmux l-ispejjeż bejn dawn is-seba` Kunsilli.

Is-Sindku qal illi dawn il-Kunsilli ilhom żmien illi irrinunzjaw illi joħorġu l-ispejjeż u għaldaqstant żgur li mhux ser joħorġu l-ispejjeż tal-appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-Kunsill huwa limitat mill-flus, jista jiġi stipolat ammont li jistgħa jingħata u navżawhom minn qabel illi l-Kunsill ma jkun jista joħroġ aktar flus minn dak li jiġi deċiż mil-Kunsill.

Dr. Joseph Buhagiar qal li l-aħjar nieħdu idea ta' kemm ser jiġi jiswa bejn wieħed u ieħor, huwa kompla jgħid illi jekk ma jsirx ir-rikors ser jispiċċa kollox u wieħed ma jistax jgħid x ser jinħoloq fil-futur.

Is-Sindku irrefera għall-Appell fil-Bord tal-kuntratti fejn qabbadna lill-Avukat għax kellna żewġ appelli ta' nofs ta' nhar fejn weħilna €1400. Huwa żied jgħid illi fil-fehma tiegħu għandna niktbu lil WasteServ u nżommuhom responsabbli.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ma tistax iżżommhom responsabbli jekk mhux bl-appell bil-Qorti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa għalhekk talab illi l-Kunsill jingħata r-rapport ta' kull sitt xhur mil-Air Quality Specialist sabiex danw ikunu arkivjati fil-Kunsill.

Dr. Joseph Buhagiar qal li tajjeb li jkun hemm *safeguard*. Huwa qal li personalment dan it-tribunal ma` għamilx xogħolu sew.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi l-idea tas-Segretarju Eżekuttiv li nistipulaw ammont hija tajba ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk il-Kunsill jistipola ammont dawn ovjament se jitnaqqsu minn xogħolijiet infrastrutturali minħabba li l-gvern ċentrali ma jgħaddix fondi lill-Kunsill għal dawn it-tip ta' ċirkustanzi.

Dr. Joseph Buhagiar qal li mhux dejjem l-affarijiet ikunu kif jidhru u ġab eżempju bil-Mgħatab u n-nies li kienu jmorru jgħumu hemm. Huwa tal-parir li l-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk nirbħu l-appell x'ser isir.

Dr. Joseph Buhagiar qal li l-vantaġġ huwa li jekk id-deċiżjoni tindika li hija żbaljata tkun *point of reference* għall-ħaddieħor. Huwa issuġġerixxa illi nitolbu lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali sabiex jgħin fil-fondi.

Is-Sindku qal illi huwa jaqbel illi jelenkaw l-ilmenti u jgħadduhom waqt il-laqgħa illi ssir mal-Wasteserv.

Dr. Joseph Buhagiar qal li qabel ma kien ġie ffurmat dan il-bord kien hemm problema fl-operat, imma issa kull darba li kien hemm xi lment ġustifikat dejjem sar intervent, biss din id-deċiżjoni tal-appell xi ħadd għandu jgħid li ma din id-deċiżjoni ma naqblux għax ma mxewx b'mod ġust. Huwa qed jara minn att ta' *insurance* għal dak li jista jinqala` fil-futur.

Saret duskussjoni fuq l-EIA report.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li irridu naqsmu l-argument fi tnejn, l-ewwel irridu naraw jekk dan il-każ għandux validu u jekk għandiex nippersistu fih u t-tieni ħaġa jekk għandiex fondi biex inkomplu.

Il-Perit Aaron Abela talab biex jgħaddi suġġeriment fejn qal illi nistgħu nitolbu lill-Avukat jagħtina linja gwida ta' kemm jista` jiġi jiswa dan l-appell. Huwa żied jgħid illi mill-esperjenza tagħhom jista` jkollom ideja.

Dr. Joseph Buhagiar qal illi din il-ġimgħa kien hemm xi rwejjaħ għaliex kien hemm *pile* kbir tal-plastik ikkonteminat u meta qalbuh ħarġu rwejjaħ minnhu

Dr. Joseph Buhagiar qal li s'issa qatt ma kellna kas ta' ħruq ta' plastik u ġab eżekmpju bil-Magħtab.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li waqt laqgħa li kient saret fil-passat kienu tkellmu fuq *monitoring points* u peress li t-*tender* ħareġ staqsa jekk iċċaqalqux il-*points*.

Dr. Joseph Buahagair qal li l-Mepa ordnat lil Wasteserv illi jittieħdu tlett *samples* u jiġu eżaminati għal gassijiet u affarijiet tossiċi iżda r-riżultat jkun biss fuq dik is-siegħa meta jkunu ittieħdu s-*samples*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li issa ser ssir *air station* ħdejn Grabiel.

Dr. Joseph Buhagiar staqsa għaliex l-*air station* ma titpoġġiex iktar viċin l-Impjant eżempju ħdejn l-*Inspire* jew fil-*car park* tal-Wastserv.

Is-Sindku qal illi Dr. Owen Bonnici kien qed joffri servizz b'xejn u issa peress li jkollna nqabbdu Avukat ieħor dan mhux ser jkun iktar b'xejn u fl-opinjoni tiegħu ser jkun kollox ħela ta' flus, liema flus huma fondi pubbliċi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa ma jaqbilx li nwaqqu l-kawża u irridu naraw minn fejn ser ingibu il-flus. Huwa żied jgħid illi għandna nitolbu lill-Gvern Ċentrali għal għajnuna tal-fondi. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li f'idon l-istadju huwa ma jistax jaqbel li nwaqqu l-kawża għax m'hemmx fondi, irridu naraw minn fejn ser jiġu l-flus. Huwa żied jgħid illi għandna nitolbu lill-Gvern Ċentrali għall-għajnuna.

Is-Sindku wieġbu illi l-Kunsill kien prova jakkwista fondi permezz ta' skemi biex iħallas lil *Air Quality Specialist* imma kien kollu għalxejn.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu din hija deċiżjoni illi l-aħjar joħodha il-Kunsill kollhu u peress li kien hemm tlett Kunsilliera skużati allura jkun aħjar illi din id-dezijoni tiġi diferita` għal-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsill qabel unanimament illi tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsill irringrazzja lil Dr. Joseph Buhagiar tax-xogħol li qed joffri bħala *Air Quality Specialist* u talli attenda għal din il-laqgħa.

2.0 ***Laqgħa mal-Perit u l-iżviluppatur tal-Kiosk fil-Bajja San Tumas PA/00722/13.***

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa meta tapplika tridx tgħid ta' min tappertjeni l-art.

Il-Perit qal li skond il-liġi jekk l-art ma tkunx tiegħek trid tagħti notifika ta' min hu s-sid u fl-istess ħin tinnotifika lis-sid.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill jrid jara li ma jkunx hemm *visual impact* fuq ħadd u li l-iżvilippatur jkollu l-permessi kollha neċċessarji kemm tal-Mepa u kemm tal-Lands Dep.

Il-Perit qal illi l-oġġezzjoni tal-Kunsill għanda tkun rigward l-egħluq tal-aċċess għal-bajja u li l-għoli tat-tinda ma għandux jaqbeż it-tlett metri.

Is-Sindku qal illi dan l-iżviluppatur kellu jkun preżenti u jispjega waqt din is-seduta.

Il-Perit Aaron Abela qal illi hu jistgħa jispjegalhom il-pjanti u hu jista jniżżell l-aħħar sett ta' pjanti li ġew issottomessi l-MEPA.

Is-Sindku wera d-diżżappunt tiegħu illi l-iżvilluppatur flimkiem mal-Perit tiegħu ma attendewx għal din il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li mportanti li l-aċċess tal-bajja mhux ser ikun mir-restorant.

Il-Perit Aaron Abela issuġerixxa qal li nistgħu mmorru fuq il-post u jiġi spjegat viswalment lill-Kunsilliera fejn qed jiġi propost dan ir-restorant.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Perit Aaron Abela flimkien mal-Kunsilliera jiltaqu fuq il-post u jiġu spjegati aħjar l-affarijiet.

3.0 ***Pagament tal-Public Conveniences għax-xahar ta' April 2013:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi t-Tnejn li għadda s-Sinjura Nicholina Cassar il-kuntrattur tal-lattrini ħiet bl-invoice tax-xahar t'April 2013 u meta spjegala li s-seduta kienet diġa saret il-ġimgħa ta' qabel ma qablitx li għandha tistenna sas-seduta ta' wara. Huwa żied jgħid li l-għada ir-raġel tagħha kien ġie jkellmu u baqa` jinsisti illi jrid jitħallas mingħajr ma jistenna sas-seduta ta' Ġunju.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga illi minn spezzjoni tal-latrini instab ħmieġ fil-latrina ta' Żonqor kif ukoll rollijiet tat-*toilet paper* nieqsa mill-latrini kollha. Huwa kompla jgħid illi hu kien kiteb ittra fejn informa lill-kuntrattur b'dawn in-nuqqasijiet u tah żmien biex jitranġa dan l-inkonvenjent.

4.0 ***Tiġdied tal-Kuntratt tal-Learning Centre:***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi wasalna biex ngħamlu t-tiġdied tal-kuntratt tal-*learning centre* għal sena oħra cioe sal-31 ta' Mejju 2014 u b'hekk inkunu għamilna tlett snin.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.0 ***Berġa fil-Bini Amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fil-pjanti tal-bini amministrattiv tal-Kunsill hemm post allokat għal berġa illi fil-fehma tiegħu jkun aħjar jekk il-berġa tibqa fil-post illi joperaw fija fil-preżent u dik il-kamra li hemm ippjanat li tintuża għal-berġa tkun tista tintuża għall-affarijiet oħra bħal korsijiet organizzati mil-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-berġa titneħħa mil-bini amministrattiv tal-Kunsill il-ġdid filwaqt li l-Kunsill jutilizza din il-kamra għal servizzi li jista joffri lill-pubbliku.

6.0 ***Permessi tal-Imwejjed u Siġġijiet:***

Is-Sindku preżenta kommunikazzjoni min-naħa tal-Lands Department rigward permessi għal-mwejjed u siġġijiet fuq art tal-gvern fi Pjazza Sant'Anna favur is-Sur Joe Farell.

Is-Sindku qal illi huwa mportanti illi tinżebagħ linja mal-art sa fejn jistgħu joħorġu bl-imwejjed u siġġijiet u ma jkunx hemm siġġijiet fuq xulxien ma xi ġenb fuq art tal-gvern. Huwa żied jgħid illi huwa importanti illi jkun hemm *spot checks* sabiex jassiguraw illi l-kundizzjonijiet stipolati ikunu qed jiġu osservati.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.0 ***Mwejjed u Siġġijiet fuq il-promenade fi Triq ix-Xatt:***

Is-Sindku qal illi meta dan l-aħħar attenda Bellagio flimkien mal-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud u s-Sur Sandro Gatt raw ħafna affarijiet turistiċi u hu qed jissuġġerixxu illi nitkellmu mall-awtoritajiet ikkonċernati jekk hux possibbli illi l-ħwienet ta' Triq ix-Xatt joħorġu żewġ imwejjed bis-siġġijiet bl-umbrellel fuq il-promenade fi Triq ix-Xatt, iżda dawn għandhom ikunu kollha pariġ. Apparti dan huwa qal ukoll jekk jistgħu jħallsu lil-Kunsill sabiex jingħatalhom peress. Huwa żied jgħid li fil-każ li dan kollu possibli għandhom jitpoġġew sal-5.00pm. Huwa żied jgħid li dan isir bla ħlas u l-fondi miġbura jintefqu għat-tisbieħ tax-xatt bħal fjuri eċċ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi sal-5.00p.m huwa ħafna.

Is-Sindku qal illi fil-kas nagħmluhom sal-4.00p.m

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa importatni illi jekk iġibu l-permessi neċessarji rridu inkunu ċerti illi jnaddfu warajhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel irridu niċċekjaw ma l-awotitajiet kollha ikkonċernati biex naraw jekk din l-attivita` tistax ssir.

8.0 ***Proġett tal-Miżura 313:***

Is-Sindku qal illi l-persuna nkarigata li tagħlaq il-bandli David Vella għamlet petizzjoni sabiex fil-Ġnien San Tumas li jsir *golf course* u lanqas *gym equipment*. Huwa kompla jgħid illi l-aħjar jekk l-apparat jinżel iktar l-isfel lejn il-baħar u l-parti ta' quddiem il-villel jinżeru s-siġar.

Madankollu s-Sindku qal li l-proġett tal-Miżura 313 kien ingħata prominenza waqt diversi laqgħat pubbliċi fosthom il-laqgħat annwali kif ukoll kien imniżżel fil-manifest elettorali u allura ma jistax jara kif proġett bħal dan għandu jitwaqqaf. Kien hemm qbil unanimu li għandna nipproċedu bix-xogħol.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku